MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Numru 491/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**

**vs**

**Spiteri Stanley ta' 26 sena iben Carmelo u Jane xebba Caruana mwieled Pieta nhar 24 ta' Novembru 1976 u residenti Blk D, F/16 Housing Estate, B'Bugia u detentur tal-karta ta' l-identita` 29577M**

**Briffa Anthony ta' 19 il-sena iben George u Marie xebba Grima mwieled Pieta nhar 16 ta' Marzu 1984 u residenti Blk B, F/13 Housing Estatge , B'Bugia, detentur tal-karta ta' l-identita` 167184M**

**Illum 18 ta' Jannar, 2006**

Il-Qorti rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati u cioe`:-

a) Talli fi 9 ta’ Mejju 2003, ghal habta ta’ 9 ta’ filghaxija fi Triq Elia Zammit, San Giljan, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom zewg speakers tal-marka mhux maghrufa, minn go vettura Peugeot 106 bin-numru ta’ registrazzjoni AAL 748, li huwa kwalifikat bil-hin, valur li jiskorri Lm 100 (mitt lira maltin) izda mhux l-Lm 1000 (elf lira maltin) u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Laurence John Zahra

b) talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara hija izjed minn hamsin lira maltin izda anqas minn hames mitt lira maltin u li sar ghad-detriment ta’ Laurence John Zahra

c) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom

**Lil Stanley Spiteri wahdu akkuzat talli:-**

d) talli rrenda ruhu recediv, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar it-22 ta’ Gunju 1998, 22 ta’ Marzu 1999, 17 ta’ Novembru 2000, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula

e) talli fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 17 ta’ Novembru, 2000 fejn huwa kien misjub hati u kkundannat ghal perjod ta’ 18 il-xhar prigunerija sospiza ghal tlett snin, ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghall-proceduri sommarji.

Rat ukoll li l-akkuzati it-tnejn iddikjaraw li huma ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji kif ukoll li t-tnejn kemm huma fi stadju ta’ l-interrogatorju rregistraw ammissjoni.

Illi giet milqugha t-talba fil-konfront biss ta' Stanley Spiteri li jigi redatt pre sentencing report. Fil-fatt l-istess rapport gie redatt mill-ufficjal tal-probation Trevor Calafato.

Illi gie dregistra ukoll u anke kkonfermat mill Lawrence John Zahra id-derubat illi huwa rceva lura r-res furtiva kif ukoll irceva, minghand l-akkuzati s-somma dovuta lilu n-kwantu ghal kwalunkwe dannu li hu sofra mir-reati bihom aggravat.

Illi n vista ta' l-ammissjoni minnhom registrata qed issib lil Stanley Spiteri hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 261, 267, 270, 271, 279, 280, 20, u cioe` ta' serq aggravat, tqis li l-akkuza ippostulata taht l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' malta hija wahda kompriza u nvoluta, hati tar-reat ta' hsara volontarja u dan wara li rat l-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hati wkll talli sar recediv u dan wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hati wkoll talli kiser sentenza sospiza u dan wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Minn naha l-ohra tqis lil Anthony Briffa huwa hati ta' serq aggravate wara li rat l-artikoli 261, 267, 270, 279, 280 u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis anke f'dan il-kaz li r-reat ta' ricettazzjoni huwa wiehed kompriz u nvolut fl-ewwel reat, issib lil Anthony Briffra hat wkoll taht l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena fil-konfront ta' Stanley Spiteri, rat ir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-Probation fejn dan issuggerixxa li fil-konfront ta' Spiteri ghandha tigi estiza l-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza kif ukoll illu huwa jinghata ordni ta' supervizjoni.

Fuq tali suggeriment il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'taghddi forsi nesa l-Ufficjal tal-Probation illi Spiteri gia kien taht ordni ta' supervizjoni meta tqieghed taht ordni ta' probation ai terminu ta' l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ghal darba tnejn, nesa forsi ukoll illi l-istess Spiteri kiser anke sentenza sospiza cans iehor lilu moghti, nesa aktar u aktar li rrenda ruhu

recidiv allura din il-Qorti hija certament prekluza milli tapplika l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta. Illi lanqas ma hija din il-Qorti propensa illi tapplika l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, frankament tqis li Stanley Spiteri gia inghati diversi opportunitajiet a skapitu ta’ l-errarju pubbliku li ma gharafx jisfrutta fil-posittiv, anzi tant irranga li rega seraq mill-gdid. Huwa vera li hu ammetta fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti gie frankat minn smiegh ta’ kawza u dan certament se jittiehed in kosiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-piena.

Rat l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fil-konfront tal-ksur tas-sentenza sospiza hija qeghda minflok tqieghed fis-sehh is-sentenza ta’ prigunerija tordna li l-perjodu operattiv ghandu jibda jsehh mill-lum, pero fil-konfront tar-reat l-ohra ta’ serq aggravat u hsara volontarja hija qeghda wara li rat ukoll l-artikolu 17, 20 u 31 tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tmintax il-xahar habs.

Minn naha l-ohra jidher li Anthony Briffa huwa first time offender u si spera ghal gid tieghu li ma jzidx l-aggravji ma dak li gia ghandu. Qeghda ghalhekk tqeghdu taht ordni ta’ probation ghal sentejn mill-lum u dan wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’dan illi qed tahtar ghal dan l-iskop lil John Testa.

Anthony Briffa ghandu jobdi skrupolozament l-ordnijiet lilu moghtija mill-ufficjal tal-probation, inluz kwalunkwe ordnijiet li jinghataw lilu fi stharrig ta’ sejbien ta’ xoghol.

Inoltre l-ufficjal tal-probation ghandu jaghmel assessment serju lil Briffa biex jigi stabbilit jekk dan hux mahkum b’xi vizzju ta’ xorb jew droga u jindirizzah lejn agenzija mahsuba ghal dan l-iskop.

Briffa ghandu kull meta jigi mitlub jissottometti ruhu ghal urine testing.

Briffa ghandu jibqa’ jirrisjedi fil-fond Block B, Flt 13, Hsg. Estate B’Bugia u jekk jibdel l-indirizz jikkomunika l-istess

bdil ma l-ufficjal tal-probation fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha.

L-ufficjal tal-probation ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti l-andament ta' Briffa matul l-istess perjodu ta' probation kull tmien gimghat.

Il-Qorti spjegat lil Anthony Briffa s-sinjifikat ta' dina l-ordni u l-konsegwenza ta' ksur taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------